

**MT**

**MT**

**MT**



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 29.10.2010  
KUMM(2010) 613 finali

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja u ġestjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2010/009 ES/Tessuti minn Spanja tal-Comunidad Valenciana)**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja u għestjoni finanzjarja tajba<sup>1</sup> jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF), fil-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun barra l-intestaturi rilevanti tal-qafas finanzjarju.

Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet mill-EGF huma stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni<sup>2</sup>.

Fit-22 ta' Marzu 2009, Spanja baġtet l-applikazzjoni EGF/2010/009 ES/Tessuti tal-Comunidad Valenciana għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-EGF, wara li diversi persuni nġhataw is-sensja f'143 intrapriża li joperaw fid-Diviżjoni 13 tan-NACE Reviżjoni 2 (manifattura tat-tessuti)<sup>3</sup> fir-reġjun NUTS II tal-Comunidad Valenciana (ES52) fi Spanja.

Wara analiżi bir-reqqa ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, li l-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dan ir-Regolament huma ssodisfatti.

### SOMMARJU TAL-APPLIKAZZJONI U ANALIŻI

<b>Dejta ewlenija:</b>	
Nru ta' referenza tal-EGF	EGF/2010/009
Stat Membru	Spanja
Artikolu 2	(b)
Intrapriżi kkonċernati	143
Ir-reġjun NUTS II	Comunidad Valenciana [ES52]
Taqsimha NACE Reviżjoni 2	Diviżjoni 13 (manifattura tat-tessuti)
Perjodu ta' referenza	13/4/2009 sat-12/1/2010
Data ta' bidu għas-servizzi personalizzati	15/6/2010
Data tal-applikazzjoni	22/3/2010
Sensji matul il-perjodu ta' referenza	544
Ħaddiema li nġhataw is-sensja u li se jnġhataw appoġġ	350
Servizzi personalizzati: baġit f'EUR	3 028 409
Nefqa għall-implimentazzjoni tal-EGF <sup>4</sup> : baġit f'EUR	140 000
nefqa f'% għall-implimentazzjoni tal-EGF	4,42
Baġit totali f'EUR	3 168 409
Kontribuzzjoni tal-EGF f'EUR (65 %):	2 059 466

1. L-applikazzjoni tressqet quddiem il-Kummissjoni fit-22 ta' Marzu 2010 u kienet supplimentata b'taġħrif addizzjonali sas-17 ta' Ġunju 2010.

<sup>1</sup> ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 406 tat-30.12.2006, p. 1.

<sup>3</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-20.12.2006 (ĠU L 393 tat-30.12.2006, p. 1).

<sup>4</sup> Skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

2. L-applikazzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet għat-tħaddim tal-EGF kif stabbilit fl-Artikolu 2(b) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, u tressqet fil-limitu ta' żmien ta' 10 ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament.

**Ir-rabta bejn is-sensji u l-bidliet strutturali ewlenin fl-andamenti kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni jew il-qagħda finanzjarja u ekonomika globali**

3. Biex tistabbilixxi rabta bejn is-sensji u l-bidliet strutturali ewlenin fl-andamenti kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni, Spanja targumenta, bl-użu tal-istatistika dwar il-kummerċ tal-EUROSTAT, li l-bilanċ tal-kummerċ għat-tessuti fl-UE ddeterjora sostanzjalment tul il-perjodu ta' bejn l-2004 u l-2008. Kien hemm żieda ta' 13 % fl-importazzjoni tat-tessuti fl-UE tul il-perjodu bejn l-2004 u l-2008; tul l-istess perjodu, l-esportazzjoni tat-tessuti mill-UE lejn il-bqija tad-dinja naqset b'0.5 % Il-bilanċ tal-kummerċ għat-tessuti fl-UE naqas minn bilanċ favorevoli ta' EUR 927 miljun fl-2004 għal defiċit ta' EUR 1 441 miljun fl-2008.

Tessuti miljun EUR	2004	2005	2006	2007	2008	tkabbir f% 2004/2008
Importazzjonijiet fl-UE	17 610	18 074	19 868	20 930	19 885	13
Esportazzjonijiet mill-UE	18 537	18 482	19 220	19 392	18 444	-0.5
Bilanċ	927	408	-649	-1 537	-1 441	

4. Dan it-tnaqqis fid-domanda nħass ukoll direttament fi Spanja. Tul il-perjodu bejn l-2005 u l-2008, il-bilanċ ta' Spanja għall-kummerċ tat-tessuti, li f'dak iż-żmien kien diġà negattiv, kompli naqas bi 15 %, bi tnaqqis minn EUR -609 miljun għal EUR -698 miljun.

Barra minn hekk l-Istat Membru argumenta li l-kriżi kompliet tiggħrava t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku tas-settur.

**Turiya tal-għadd ta' sensji u konformità mal-kriterji tal-Artikolu 2(b)**

5. Spanja ressqet din l-applikazzjoni skont il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 2(b) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, li jitlob li jkun hemm mill-anqas 500 sensja fuq perjodu ta' disa' xhur f'intrapriżi li joperaw fl-istess Diviżjoni tan-NACE Reviżjoni 2 f'reġjun wieħed jew f'żewġ reġjuni kontigwi fil-livell tan-NUTS II.
6. L-applikazzjoni ssemmi 544 sensja f'143 intrapriża kklassifikati fl-istess Diviżjoni tan-NACE Reviżjoni 2 tul il-perjodu ta' referenza ta' disa' xhur mit-13 ta' April 2009 sat-12 ta' Jannar 2010, li jinsabu kollha f'reġjun wieħed fil-livell NUTS II, il-Comunidad Valenciana. Minn dawn is-sensji kollha, 247 sensja ġew ikkalkolati skont l-ewwel inċiż tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Kienu kkalkolati 217-il sensja oħra skont it-tieni inċiż u 80 sensja kienu kkalkolati skont it-tielet inċiż tal-istess paragrafu.

Is-sensji għal kull intrapriża kienu kkalkolati bl-użu ta' wieħed mit-tliet inċiżi tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Għal seba' intrapriżi<sup>5</sup> madankollu, is-sensji ġew ikkalkolati bl-użu ta' żewġ inċiżi differenti.

7. Il-Kummissjoni rċeviet il-konferma meħtieġa skont it-tielet inċiż tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2(2) li 544 huwa l- proprju numru ta' sensji li ngħataw.

### **Spjegazzjoni tan-natura mhux prevista ta' dawk is-sensji**

8. Is-snin reċenti kienu diffiċli ħafna għall-industrija tat-tessuti li għaddiet minn ristrutturar u modernizzazzjoni estensivi minħabba l-pressjoni tal-kompetizzjoni li nħolqot mal-iskadenza tal-Arranġament dwar il-Multifibri tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u l-Ftehim dwar it-Tessuti u l-Ħwejjeġ li sar warajh. Wara tnaqqis sostanzjali fil-produzzjoni fil-bidu ta' dan id-deċennju (-5 % għal kull sena fuq medja), il-produzzjoni wriet sinjali ta' stabbilizzazzjoni u rkupru fl-2006. Il-produzzjoni fl-2007 baqgħet fl-istess livell bħal fl-2006. Fl-2008, bħala riżultat dirett tal-kriżi ekonomika u finanzjarja, li ma kinitx prevista, il-produzzjoni tat-tessuti bdiet tonqos u fl-aħħar tliet xhur ta' dik is-sena dan it-tnaqqis fil-produzzjoni sar b'mod iktar mgħaġġel (-17 % meta mqabbel mal-istess perjodu fl-2007) u kompla jiggrava fl-ewwel tliet xhur tal-2009 (-24,5 % meta mqabbel mal-istess perjodu tal-2008). L-impatti tal-kriżi ekonomika u finanzjarja huma riflessi wkoll f'domanda iktar baxxa minn xi wħud mill-imsieħba tal-kummerċ li huma żviluppanti, bħall-Istati Uniti u l-Ġappun (rispettivament -15 % u -7 % fil-valur fl-esportazzjonijiet tal-UE fl-2008 meta mqabbla mas-sena ta' qabel).
9. Tradizzjonalment, l-andament fis-settur tat-tessuti Ewropew huwa kkunsidrat marbut mal-imġiba tal-konsum fid-djar. Bħala riżultat tal-kriżi ekonomika u finanzjarja, id-domanda għal prodotti industrijali naqset minħabba tnaqqis fil-fiduċja tal-konsumaturi u n-nuqqas ta' flus. L-awtoritajiet Spanjoli jargumentaw li l-kriżi finanzjarja u ekonomika wasslet għal kollass f'daqqa tal-ekonomija dinjija b'impatt kbir fuq ħafna setturi u li mill-2008 s-sitwazzjoni ekonomika ma baqgħetx għaddejja bl-andament tas-snin preċedenti, ħaġa li ma setgħetx tiġi prevista.

### **Identifikazzjoni tal-intrapriżi li taw is-sensji u l-ħaddiema li se jingħataw l-għajnuna**

10. L-applikazzjoni tikkonċerna 544 ħaddiem li ngħataw is-sensja (li minnhom 350 se jingħataw l-għajnuna) fil-143 intrapriża li ġejjin:

Intrapriżi u għadd ta' sensji			
ACABADOS BAÑERES, S.A.	2	M CASTELLO JOVER, S.L.	1
ACABADOS MONLLOR, S.L.	4	MALLES FRANCES S.L.	1
ACABADOS RODOLFO AZNAR S.L.	2	MANTEROL, S.A.	12
ACOYSER, S.L.	1	MANUEL REVERT Y CIA, S.A.	15
ADROGUER Y CASTRO, S.L.	1	MANUFACTURAS ARTESA, S.L.	2
ALCOPEL 2003, S.L.	1	MANUFACTURAS ARTESA, S.L.	2
ALFOMBRAS AUTOMOCION, S.L.	1	MARCOS BELTRAN, S.L.	1

<sup>5</sup> Comersan S.A., Manterol S.A., Murkoc Servicios S.L., Rasilan S.A. Textiles Athenea S.A., Vicente Barceló Vaño S.L. u Peivor S.L.

Intrapriżi u għadd ta' sensji			
ANA DE CASTRO Y CERVERA, S.A.	10	MARKET TEXTIL S.L.	5
ACOYSER, S.L.	1	MIGUEL ANGEL COMPANY SOLER	3
ANTONIO PEREŻ ADSUAR, S.A.	2	MIGUEL CARCELEN Y CIA S.L.	1
ALCOPEL 63, S.L.	1	MOLTO REIG, S.A.	39
ANURDIFIL S.L.	4	MONLLOR HERMANOS, S.A.	4
ARTESANOS EN REDES, S.L.	1	MOQUETAS ROLS, S.A.	6
ATHOS FABRICS, S.L.	1	MUESTRARIOS HERMANOS CAÑADA S.L.	1
BLANC TEXTIL, S.A.	4	MURKOC SERVICIOS S.L.	2
BLANC TEXTIL, S.A.	6	NACHATEX S.L.	1
BORDADOS GRAMAR, S.L.	1	NONWOVENS IBERICA, S.L.	2
BORDADOS GRAMAR, S.L.	4	NOVIAS PEPE BOTELLA, S.L.	1
BORDADOS GRAMAR, S.L.	3	ORLIMAN, S.L.	1
BORDADOS SERPIS S.L.	2	PADUANA XXI, S.L.	2
BORDAMALLA, S.L.	6	PAÑERIA Y CONFECCIONES GARCIA MOLINA, S.L.	1
BRAN'S COLLECTIONS S.L.	1	PARASOLES GANDIA SAFOR, S.A.	1
BREZO HILADOS S.L.	1	PEDRO A GUILLEM, S.L.	1
CAÑETE, S.A.	1	PEIVOR S.L.	22
CAR Y FINA, S.L,	1	PERGOA-TEX, S.L.	1
CASA GRIM, S.L.	1	PRIMICIAS TECNICAS CARDI, S.L.	2
CASUAL TEXTIL, S.A.	4	QUEROL,S.A.	2
CATALA Y RONHER, S.A.	28	RANI BURHAN, S.L.	1
CCM BOREAL 2007,S.L.	1	RASILAN, S.A.	8
CIPRIANO MOLINA ALBERO, S.L.	1	REDES I JOMAR SL	1
COLCHONES MIVIS, S.L.	1	REIG MARTI, S.A.	41
COLORPRINT FASHION, S.L.	2	RIBERA FLEXIBLE DEL COLCHON, S.L.	1
COLORTEX 1967, S.L.	3	RIPOLL TEJIDOS PARA LA DECORACION, S.L.	1
COLORTEX, S.A.	2	ROBERTO PAYA, S.L.	1
COMALCAR SL	1	ROTATEX, S.L.	1
COMERCIAL TIFANYS, S.A.	1	RUEDA ARRIETE,SL	1
COMERSAN, S.A.	2	SA RUBI INDUSTRIAL-TODOFIL	2
CONFECCION DE MUESTRARIOS GANDIA, S.L.	1	SERVIURDID, S.L.	1
CONFECCIONES ALBAIDA, S.L.	11	SOCIEDAD COOPERATIVA VALENCIANA LTA.T.ASDO. DISTRITO 11	5
CONFECCIONES BELMAY, S.L.	2	SONIBE SC	1
CONFECCIONES ENSAYO TEXTIL, S.L.	2	TAPICERIAS, S.A.	7

Intrapriżi u għadd ta' sensji			
CONFECCIONES RIO SOT, S.L.	8	TAPIRELAX SA	1
CORDISPLAY TECNOLOGIC, S.L.	5	TAPIZADOS NOVA LINEA, S.L.	1
CREVILLENTE INDUSTRIAL, S.A.	1	TEDESVAN, S.A.	1
CUERDAS Y REDES ILLAN & ESTAN, S.L.	4	TEJIDO DE SEDA CAMILO MIRALLES, S.L.	2
DIMAS, S.A.	44	TEJIDOS DOBELTEX S.L.	1
DISEDIS, S.L.	1	TEJIDOS REINA, S.A.	2
DISEÑOS JUANMI, SL	5	TEJIDOS ROYO, S.L.	17
DISEÑOS MEDI, S.L.	1	TEXTILES 9463 CALERO SL	1
EDUARDO GÓMEZ PASTOR	18	TEXTILES ATHENEA, S.A.	13
ENCOTOR, S.A.	1	TEXTILES BERBEL, S.L.	1
ESTAMPADOS ELCHE SL	2	TEXTILES MONTCABRER, S.A.	1
FABRICA DE TAPICERIA, S.L.	5	TEXTILS MORA, S.A.L.	4
FINITEXTIL, S.L.	5	TEXTISOL, S.L.	2
FLAT WOVEN, S.L.	2	TINTES BOLTA, S.A.	4
FLEXOTEX, S.A.	1	TOALLAS LA BRUJA, S.A.	1
FRANCES TEXTIL, S.L.	1	TRANSPORTES Y SERVICIOS MONLLOR, S.L.	3
GINES CORTINAS, S.L.	1	TRAVEL-FIL,S.L.	1
GLOBALTEX HOME, S.L.	1	TRENZADOS DAI SL	1
GONZALO FERRI, S.A.	2	TRENZAFIL SL	2
HICORRED, S.L.	1	TRITURADOS CORREAL, S.L.	1
HIJOS DE ANTONIO FERRE, S.A.	1	TUTTO PICCOLO, S.A.	1
HIJOS DE ROQUE MONLLOR, S.L.	7	UBESOL, S.L.	1
HILATURAS CANALENSES SAL	1	UNITEX ALFOMBRAS 14, S.L.	1
HILATURAS FERRE, S.A.	1	VANGUARDIA TEXTIL S.L.	1
INCOR CORTE INDUSTRIAL DE TEJIDOS, S.L.U.	1	VIATEX, S.L.	2
INDUSTRIAS TEXTILES COPATEX, S.L.	4	VICENTE BARCELO VAÑO, SL	2
JOAQUIN MOLTO, S.A.	1	VICENTE SEMPERE, S.L.	9
JOSE ANTONIO GARCIA BORNAY	1	WINTEX, S.A.	3
JOSE ANTONIO REIG FERRANDIZ	1	YEBANE ESPAÑOLA, S.A.	2
JOSE LUIS AVELLAN BLANES, S.L.	1	ZORQUESA, S.L.	2
JOVERTEXT, S.A.	3		
<b>Numru totali ta' intrapriżi: 143</b>		<b>Numru totali ta' sensji: 544</b>	

11. It-tqassim tal-ħaddiema li se jingħataw l-ġhajjnuna huwa kif ġej:

Kategorija	Għadd	Perċentwali
Irġiel	216	61,7
Nisa	134	38,3
Ċittadini tal-UE	346	98,9
Ċittadini minn barra l-UE	4	1,1

<b>Kategorija</b>	<b>Għadd</b>	<b>Perċentwali</b>
Bejn il-15 u l-24 sena	2	0,6
Bejn il-25 u l-54 sena	269	76,9
Bejn il-55 u l-64 sena	75	21,4
Età 'l fuq minn 64 sena	4	1,1

12. Erbġħa mill-ħaddiema li se jingħataw l-għajjnuna għandhom diżabbiltà.

13. F'termini ta' kategoriji professjonali, it-tqassim huwa kif ġej:

<b>Kategorija</b>	<b>Għadd</b>	<b>Perċentwali<sup>6</sup></b>
Maniġers	6	1,6
Tekniċi	33	9,5
Skrivani	37	10,6
ħaddiema fl-artiġjanat u snajja' relatati	56	16,1
Operaturi tal-magni	182	52,1
Xoġġlijiet elementari	26	7,3
Oħrajn	10	2,7

14. F'termini ta' livell edukattiv<sup>7</sup>, it-tqassim huwa kif ġej:

<b>Livell edukattiv</b>	<b>Għadd</b>	<b>Perċentwali<sup>8</sup></b>
Edukazzjoni bażika (sa tmiem l-edukazzjoni obbligatorja)	280	79,9
Edukazzjoni sekondarja oġhla	31	8,8
Edukazzjoni terzjarja	30	8,6
Oħrajn (edukazzjoni mhux formali)	3	0,9
Nies li ma seggew l-ebda forma ta' edukazzjoni jew li telqu mill-iskola kmieni	6	1,7

15. L-istess perċentwali jista' jiġi nnutat meta tiġi kkunsidrata t-totalità tal-544 ħaddiem li ngħataw is-sensja.

16. Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, Spanja kkonfermat li għet applikata u se tkompli tiġi applikata politika ta' ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel kif ukoll ta' nondiskriminazzjoni matul l-istadji varji tal-implimentazzjoni tal-EGF u, b'mod partikolari, fl-aċċess għalih.

### **Deskrizzjoni tat-territorju kkonċernat u l-awtoritajiet u l-partijiet interessati tiegħu**

17. It-territorju milqut mis-sensji jinsab fir-reġjun NUTS II tal-Comunidad Valenciana, u huwa kkonċentrat f'ħames comarcas (li bejn wieħed u ieħor huma ekwivalenti għal kontej) fuq iż-żewġ naħat tal-fruntiera bejn il-provinċji NUTS III ta' Alicante u Valencia.

<sup>6</sup> It-total ma jaqbilx minħabba li ċ-ċifri tqarrbu lejn l-eqreb numru.

<sup>7</sup> Il-kategoriji huma msejsa fuq il-Klassifikazzjoni tal-Istandards Internazzjonali tal-Edukazzjoni (ISCED-97).

<sup>8</sup> It-total ma jaqbilx minħabba li ċ-ċifri tqarrbu lejn l-eqreb numru.



18. Mill-intrapriżi kollha Spanjoli, 11,5 % huma bbażati fil-Comunidad Valenciana. Is-settur tal-manifattura jirrappreżenta 26 % tal-impjieg totali f'dan ir-reġjun; filwaqt li s-settur tas-servizzi jirrappreżenta 60 %, il-kostruzzjoni 10 % u s-settur primarju 4 % Il-mudell tan-negozju fil-Comunidad Valenciana huwa kkaratterizzat minn preżenza għolja ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju li prinċipalment jispeċjalizzaw fil-manifattura tal-ġhamara, iż-żraben, it-tessuti, iċ-ċeramika u l-ġugarelli. Dawn l-industriji huma kkonċentrate f'distretti madwar numru limitat ta' municiċipalitajiet.
19. Il-partijiet interessati prinċipali huma l-Generalitat Valenciana (il-gvern awtonomu tal-Comunidad Valenciana) u b'mod partikolari is-SERVEF (uffiċċji pubbliċi tax-xogħol tal-gvern awtonomu), il-Consorcio del Pacto Territorial por el Empleo del Valle del Vinalopó (konsorzju tal-ftehim dwar ix-xogħol fil-wied ta' Vinalopó)<sup>9</sup>, it-trejdjunijis: il-UGT-PV, is-CCOO-PV, l-FIA-UGT-FITEQA u l-FECOMA-CCOO-PV<sup>10</sup>, il-Konfederazzjoni tal-Ġhaqdiet tan-Negozju tar-Reġjun Awtonomu ta' Valencia (CIERVAL) u l-Assoċjazzjoni tal-Intraprendituri tat-Tessuti fil-Comunidad Valenciana (ATEVAL).

### **L-impatt mistenni tas-sensji fir-rigward l-impjieg lokali, reġionali jew nazzjonali**

20. L-għadd ta' sensji fis-settur tat-tessuti fil-Comunidad Valenciana, li baqa' relattivament stabbli u wera xejriet ta' tnaqqis tul il-perjodu bejn l-2005 u l-2007, żdied b'40,61 % fis-sentejn ta' wara (2008-09). L-impjieg fis-settur tat-tessuti jirrappreżentaw 4,8 % tal-impjieg totali fis-settur tal-manifattura fir-reġjun.
21. L-impatt fil-livell lokali ta' dawn is-sensji huwa għoli minħabba l-konċentrazzjoni tas-settur f'għadd żgħir ta' żoni L-attività fir-rigward tat-tessuti fil-Comunidad Valenciana (30 % tal-impjieg fis-settur tat-tessuti fi Spanja) issir fid-distretti industrijali fejn jiddomina dan is-settur. Seba' pajjiżi, li kważi kollha huma kontigwi (Vall d'Albaida, L'Alcoia, El Comtat, La Costera, Alt Vinalopó, Baix Vinalopó and Baix Segura), jirrappreżentaw 75,2 % tal-impjieg fit-tessuti fil-Comunidad Valenciana.
22. Fil-ħames municiċipalitajiet<sup>11</sup> li ntlaw l-iktar mis-sensji li rriżultaw mill-kriżi fis-settur tat-tessuti, is-sensji kkonċernati minn din l-applikazzjoni jirrappreżentaw 35,13 % taż-żieda fil-qgħad fis-settur tal-manifattura waqt il-perjodu ta' referenza (bejn April 2009 u Jannar 2010).
23. Tradizzjonalment is-setturi ekonomiċi prinċipali f'Alicante (livell NUTS III) kienu l-manifattura taż-żraben flimkien mal-ġilda, it-tessuti u l-irħam. Madankollu, l-industrija taż-żraben u tal-ġilda ilha tesperjenza diffikultajiet tul dawn l-aħħar snin, prinċipalment minħabba l-kompetizzjoni ppreżentata miż-żraben mill-Asja u prodotti tal-ġilda oħrajn mill-Asja. L-industrija tal-irħam— li f'dawn is-snin kienet ikkunsidrata bħala settur li jaġixxi ta' xibka ta' sikurezza— qed tbat i mill-konsegwenzi tal-kriżi finanzjarja u ekonomika reċenti Wara li nġhataw dawn is-sensji fis-settur

<sup>9</sup> Dan il-konsorzju huwa magħmul mis-sindki ta' Villena, Novelda, Salinas, La Algueña, Aspe u Monforte de Cid u rappreżentant tas-sħubija tal-municiċipalitajiet fil-Wied ta' Vinalopó; it-trejdjunijis u l-organizzazzjonijiet tan-negozju f'livell lokali.

<sup>10</sup> Unión General de Trabajadores del País Valenciano (UGT-PV), Comisiones Obreras del País Valenciano (CC.OO.-PV), Federación del Metal, Madera y Afines de la FIA del País Valenciano (UGT-UGT-PV) u Federación de Construcción, Madera y Afines (FITEQA-CC.OO.-PV)

<sup>11</sup> Albaida, Ontinyent, Cocentaina, Muro d'Alcoi u Alcoi.

tal-ġebla naturali fil- Comunidad Valenciana, Spanja ppreżentat applikazzjoni oħra<sup>12</sup> f'Marzu 2010 għal kontibuzzjoni finanzjarja mill-EGF għal dawn il-ħaddiema.

**Pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati li għandhom jiġu ffinanzjati u tqassim tal-ispejjeż stmati tiegħu, inkluża l-komplementarjetà tiegħu mal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali**

24. Qed jiġu proposti l-miżuri li ġejjin, li kollha jingħaqdu biex jiffurmaw pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati mmirati lejn l-integrazzjoni mill-ġdid tal-ħaddiema fis-suq tax-xogħol.

**Attivitajiet preparatorji u akkumpanjament**

- Sessjonijiet ta' merħba: L-ewwel miżura pprovduta għat-350 parteċipant kollha tinkludi taġrif dwar il-bżonnijiet ta' ħiliet u taħriġ, dwar programmi ta' taħriġ disponibbli u skemi ta' appoġġ għall-apprendistati, kif ukoll għotjiet ta' flus u inċentivi.
- Gwida: Din tinvolvi l-ġbir tal-profilu tal-ħaddiema u t-tfassil, l-implimentazzjoni u s-segwitu ta' appoġġ personalizzat, inkluż mentoring. Il-proċess ta' mentoring, tul l-implimentazzjoni tal-EGF, se jiżgura li l-pakketti jkunu jistgħu jiġu aġġustati jekk ikun hemm bżonn.

**Taħriġ**

- Taħriġ bażiku, qabel il-ksib ta' ħiliet ġodda: Il-parteċipanti se jirċievu xi taħriġ bażiku fl-ICT, fit-tfittxija attiva għal impjeg, fil-kunfidenza fihom infushom u ħiliet bażiċi ta' intraprenditorjat.
- Taħriġ f'ħiliet vokazzjonali. Il-parteċipanti f'din il-miżura se jitħarrġu f'ħiliet fl-impjiegi li attwalment hawn domanda għalihom. It-taħriġ fil-klassi se jkun segwit minn taħriġ imħallas (EUR 320 kull xahar u għal kull parteċipant). Madwar 24 % tal-ħaddiema identifikati se jipparteċipaw f'din il-miżura.
- Taħriġ għall-aġġornament tal-ħiliet: Il-parteċipanti se jitħarrġu f'waħda mill-ispeċjalitajiet tat-taħriġ tal-INEM (is-servizz nazzjonali għall-impjiegi pubbliċi). Dan it-taħriġ huwa skedat li jkun iqsar mit-taħriġ fil-ħiliet vokazzjonali peress li l-parteċipanti se jitħarrġu biex itejbu jew jaġġornaw ħiliet li diġà jkollhom. Il-ħaddiema se jingħataw il-possibbiltà li jikkumplimentaw it-taħriġ fil-klassi b'perjodu ta' taħriġ imħallas, għalkemm il-parteċipazzjoni f'dan it-taħriġ mhux se tkun obligatorja għall-parteċipanti fil-miżura. Madwar 24 % tal-ħaddiema identifikati se jipparteċipaw f'din il-miżura.
- Taħriġ bħala persuni kkwalifikati li jipprovdu kura: Hemm domanda li dejjem qed tiżdied għal persuni kkwalifikati li joffru kura fit-territorju milqut mis-sensji. Il-kontenut tat-taħriġ se jiġi diskuss mas-servizzi soċjali flivell lokali biex jiġu koperti aħjar l-aspettattivi u l-bżonnijiet tal-bliet. It-taħriġ se jinkludi kemm taħriġ fil-klassi kif ukoll dak fuq il-post tax-xogħol. Dan tal-aħħar se jkun organizzat fi gruppi żgħar għal segwitu aħjar tat-taħriġ Prattiku. Madwar 10 % tal-ħaddiema identifikati se jipparteċipaw f'din il-miżura.

<sup>12</sup> Applikazzjoni EGF/2010/005 ES/Ġebla Naturali tal-Comunidad Valenciana.

- Taħriġ fl-iżvilupp personali u introduzzjoni għall-intraprenditorjat: Dawn il-korsijiet ta' taħriġ huma mmirati lejn ħaddiema li l-profilu tagħhom jagħmluhom eliġibbli għal karigi ta' maniment intermedju jew għall-intraprenditorjat. Se jitħarrġu f'suġġetti bħall-valuri fin-negozju u l-valuri personali, il-ġestjoni effiċjenti tal-bidla, il-kummerċjalizzazzjoni u l-innovazzjoni bħala strateġija għat-tkabbir, l-intelliġenza emozzjonali, eċċ. Għal dawk il-ħaddiema li jixtiequ jibdew in-negozju tagħhom, se jiġu pprovduti attivitajiet ta' taħriġ speċifiku li jikkumbinaw it-taħriġ regolari (li jkopri elementi bħall-ippjanar, it-twettiq ta' studji ta' fattibbiltà, it-tnejn ta' pjanijiet ta' negozju, eċċ) bl-użu ta' softwer ta' simulazzjoni li jippermetti lill-parteciċipanti jissimulaw proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet relatati mal-ftuħ ta' negozju.

### **Promozzjoni tal-intraprenditorjat**

- Għoti ta' pariri dwar il-proġetti u l-inizjattivi: Dan jimmira li jiżviluppa, jipproduċi u jiggwida proġetti ta' negozji jew ta' impjeg indipendenti li huma vijabbli. It-tutori se jippruvaw ukoll isibu opportunitajiet ta' impjeg indipendenti kemm fil-pajjiż u kemm barra u jipproponuhom lill-parteciċipanti fil-miżura.
- Akkumpanjament lejn il-ħolqien tan-negozju: Din il-miżura tfittex li tassisti lil ħaddiema li jingħataw is-sensja li jkollhom f'moħħhom li jiftħu n-negozju tagħhom. Se tkun tikkonsisti minn tutoring tul il-proċess kollu tal-ftuħ tan-negozju (l-iżvilupp ta' kunċett ta' negozju, l-analiżi tal-fattibbiltà, u għajjnuna għall-elaborazzjoni ta' pjan tan-negozju) u appoġġ fir-rigward tar-rekwiżiti amministrattivi.
- Appoġġ loġistiku u finanzjarju: Dan jirrelata mal-ġbir tal-fondi u appoġġ dwar rekwiżiti amministrattivi biex issir applikazzjoni b'suċċess għall-inċentivi biex jinfetaħ negozju. It-tutori se jsegwu wkoll l-iżvilupp ekonomiku ta' inizjattivi tan-negozju li jimmiraw li jantiċipaw id-diffikultajiet futuri u jipproponu soluzzjonijiet possibbli.

### **Għajjnuna intensiva għat-tfittxija ta' impjeg:**

- Għajjnuna intensiva għat-tfittxija ta' impjeg: Din se tinvolvi tfittxija intensiva għal impjeg, inkluża kemm riċerka passiva kif ukoll riċerka attiva ta' opportunitajiet ta' impjeg lokali u reġjonali, partikolarment attivitajiet ekonomiċi emerġenti għal impjeg indipendenti u opportunitajiet għal speċjalitajiet ġodda fis-settur tat-tessuti. Se jinholq sit elettroniku biex jipprovi lill-ħaddiema b'xi għodod online li jistgħu jgħinuhom fit-tfittxija individwali tagħhom għal impjeg. Is-sit se jkun maqsum fi tliet taqsimiet: taħrif ġenerali, attivitajiet ta' taħriġ u taqsimi ristretta b'għodod online bħal softwer ta' simulazzjoni għall-ftuħ ta' negozju.

### **Inċentivi**

- Inċentiv għall-parteciċipazzjoni: Biex jitħeġġu jipparteciċipaw fil-miżuri, il-ħaddiema se jirċievu somma ta' darba ta' EUR 350 biex jikkompletaw il-pakkett personalizzat tagħhom ta' miżuri.
- Għoti ta' somma flus għall-mobbiltà: Il-ħaddiema li jipparteciċipaw fil-miżuri se jirċievu sa EUR 500 bħala kontribuzzjoni għall-ispejjeż tagħhom tal-ivvjaġġar. Minħabba n-nuqqas ta' trasport pubbliku adegwat fl-ibliet lokali, il-parteciċipanti se jkollhom jużaw il-vettura tagħhom biex jivvjaġġaw mir-raħal fejn joqogħdu għar-raħal fejn se jseħħu l-miżuri.

- Inċentivi ta' rikollokament: Se jitħallas sussidju mal-paga ta' EUR 350 fix-xahar għal massimu ta' seba' xhur lil dawk il-ħaddiema li jmorru lura għax-xogħol bħala impjegati jew ħaddiema indipendenti.
- Appoġġ għall-ftuħ ta' negozju: Il-ħaddiema li jiftħu n-negozju tagħhom se jirċievu sa EUR 3 000 li jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż tal-bidu.

25. In-nefqa għall-implimentazzjoni tal-EGF, li hija inkluża fl-applikazzjoni, skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, tkopri attivitajiet ta' ġestjoni u kontroll, kif ukoll ta' għarfien u pubbliċità.

26. Is-servizzi personalizzati ppreżentati mill-awtoritajiet Spanjoli huma miżuri attivi tas-suq tax-xogħol fi ħdan l-azzjonijiet eliġibbli definiti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. L-awtoritajiet Spanjoli jistmaw li l-ispejjeż totali ta' dawn is-servizzi huma ta' EUR 3 028 409 u li n-nefqa għall-implimentazzjoni tal-EGF hija ta' EUR 140 000 (= 4,42 % tal-ammont totali). Il-kontribuzzjoni totali mitluba mill-EGF hija ta' EUR 2 059 466 (65 % tal-ispejjeż totali).

Azzjonijiet	L-għadd stmat ta' ħaddiema fil-mira	L-ispiża stmata għal kull ħaddiem fil-mira (f'EUR)	Spejjeż totali (l-EGF u l-kofinanzjament nazzjonali) (f'EUR)
<b>Servizzi personalizzati</b> (l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006)			
<b>1. Attivitajiet preparatorji u akkumpanjament</b>			
1.1 <u>Sessjoni ta' merħba</u> ( <i>Servicio de acogida</i> )	350	116	40 600
1.2. <u>Gwida</u> ( <i>Servicio de orientación</i> )	350	574	200 900
<b>2. Taħriġ</b>			
2.1. <u>Taħriġ bażiku</u> ( <i>Cursos básicos</i> )	210	571	119 910
2.2 <u>Taħriġ f'ħiliet vokazzjonali</u> ( <i>Formación e inserción laboral</i> )	84	5 085	427 140
2.3 <u>Taħriġ għall-aġġornament tal-ħiliet</u> ( <i>Formación para el empleo</i> )	84	3 208	269 472
2.4 <u>Taħriġ bħala persuni kkwalifikati li jipprovdu kura</u> ( <i>Talleres sociales</i> )	36	2 292	82 512
2.5 <u>Taħriġ fl-iżvilupp personali u Introduzzjoni għall-intraprenditorjat</u> ( <i>Formación en competencias transversales</i> )	95	1 895	180 025
2.6 Taħriġ	96	900	86 400

Azzjonijiet	L-għadd stmat ta' ħaddiema fil-mira	L-ispiża stmata għal kull ħaddiem fil-mira (f'EUR)	Spejjeż totali (l-EGF u l- kofinanzjament nazzjonali) (f'EUR)
<b>3. Promozzjoni tal-intraprenditorjat</b>			
3.1 <u>Għoti ta' pariri dwar il-proġetti u l-inizjattivi</u> <i>(Servicio de proyectos e iniciativas)</i>	100	1 760	176 000
3.2 <u>Akkumpanjament lejn il-ħolqien tan-negozji</u> <i>(Servicio de asesoría al emprendedor)</i>	60	2 920	175 200
3.3 <u>Appoġġ loġistiku u finanzjarju</u> <i>(Servicio logístico y financiero)</i>	40	4 730	189 200
<b>4. Ghajjnuna intensiva għat-tfittxija ta' xogħol</b> <i>(Servicio de apoyo a la inserción)</i>	350	1 273	445 550
<b>5. Inċentivi</b>			
5.1. <u>Inċentivi ta' parteċipazzjoni.</u> <i>(Incentivos a la participación)</i>	350	350	122 500
5.2. <u>Għoti ta' somma flus għall-mobbiltà</u> <i>(Ayudas a la recolocación)</i>	100	500	50 000
5.3 <u>Inċentivi ta' rikollokament</u> <i>(Incentivos a la participación)</i>	140	2 450	343 000
5.4 <u>Appoġġ għall-ftuħ ta' negozju</u> <i>(Ayudas a la creación de empresas)</i>	40	3 000	120 000
<b>Subtotal tas-servizzi personalizzati</b>			3 028 409
<b>Nefqa għall-implimentazzjoni tal-EGF (it-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006)</b>			
Ġestjoni			60 000
Tagħrif u pubbliċità			40 000
Attivitajiet ta' kontroll			40 000
Subtotal tan-nefqa għall-implimentazzjoni tal-EGF			140 000
<b>Stima tal-ispejjeż totali</b>			<b>3 168 409</b>
<b>Kontribuzzjoni tal-EGF (65 % tal-ispejjeż totali)</b>			<b>2 059 466</b>

27. L-awtoritajiet Spanjoli jikkonfermaw li l-miżuri deskritti hawn fuq huma kumplimentari għall-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali u li l-miżuri qegħdin hemm biex jipprevjenu l-għoti doppju ta' fondi.
28. L-għanijiet ewlenin tal-programmi operattivi tal-FSE għall-perjodu bejn l-2007 u l-2013 għall-Comunidad Valenciana huma l-promozzjoni tat-tagħlim tul il-ħajja tal-ħaddiema u t-tnaqqis tar-riskju li ż-żgħażaġh jitolqu mill-iskola kmieni, u jiffukaw partikolarment fuq l-iktar nies vulnerabbli jew nies friskju ta' esklużjoni soċjali, l-iktar ħaddiema żgħażaġh, jew dawk ta' iktar minn 45 sena, nisa u persuni b'diżabilità, filwaqt li l-miżuri tal-EGF se jiffukaw fuq ħaddiema li ngħataw is-sensja f'territorju li jkun tassew speċjalizzat fil-produzzjoni tat-tessuti mingħajr l-ebda aplikazzjoni ta' restrizzjonijiet marbuta mal-età, l-edukazzjoni, eċċ.
29. Sabiex jiġi evitat li l-miżuri tal-FSE u dawk tal-EGF jikkoinċidu għandu jkun hemm segwitu kontinwu tal-azzjonijiet tal-FSE u tal-EGF li għandhom għanijiet simili u tal-ħaddiema kkonċernati.

### **Id-data/dati meta nbdew jew meta huwa maħsub li se jinbdew is-servizzi personalizzati lill-ħaddiema affettwati**

30. Is-servizzi personalizzati għall-ħaddiema affettwati inklużi fil-pakkett ikkoordinat propost għal kofinanzjament permezz tal-EGF tnedew minn Spanja fil-15 ta' Ġunju 2010. Din id-data għalhekk tirrappreżenta l-bidu tal-perjodu ta' eliġibbiltà għal kull għajnuna li tista' tingħata mill-EGF.

### **Il-proċeduri għall-konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali**

31. L-imsieħba soċjali kienu kkonsultati matul il-preparazzjoni tal-pakkett ikkoordinat tal-miżuri. L-applikazzjoni proposta kienet diskussa fil-laqgħat tat-28 ta' Jannar 2010 u l-24 ta' Frar 2010 mal-imsieħba soċjali: is-SERVEF (uffiċċji pubbliċi tax-xogħol tal-gvern awtonomu); l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem: is-CIERVAL u l-ATEVAL; it-trejdjunjins prinċipali, il-UGT u s-CCOO; u rappreżentanti tal-kunsilli tal-ibliet ta' Ontinyent u Alcoi. Waqt l-ewwel laqgħa l-proġett kien ppreżentat lill-imsieħba soċjali u l-kumitat ta' tmexxija u l-kumitat tekniku ġew iffurmati. Fit-tieni laqgħa l-pjan ta' azzjoni għal kull kumitat ġie stabbilit u r-rwoli u l-kompiti ġew allokat.
32. L-awtoritajiet Spanjoli kkonfermaw li r-rekwiżiti stipulati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-Komunità dwar sensji kollettivi ġew osservati.

### **Tagħrif dwar azzjonijiet li huma obligatorji skont il-liġi nazzjonali jew ftehimiet kollettivi**

33. Fir-rigward tal-kriterji li jinsabu fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, l-awtoritajiet Spanjoli fl-applikazzjoni tagħhom:
- ikkonfermaw li l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-EGF ma tissostitwixxix miżuri li huma r-responsabbiltà ta' kumpaniji skont il-liġi nazzjonali jew ftehimiet kollettivi;
  - urew li l-azzjonijiet jipprovdu appoġġ għal ħaddiema individwali u ma għandhomx jintużaw għar-ristrutturar ta' kumpaniji jew setturi;

- ikkonfermaw li l-azzjonijiet eliġibbli msemmin hawn fuq ma jirċevux għajnuma minn strumenti finanzjarji Komunitarji oħra.

### **Sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll**

34. Spanja nnotifikat lill-Kummissjoni li l-kontribuzzjoni finanzjarja se tkun ġestita u kkontrollata mill-istess entitajiet li jiġġestixxu u jikkontrollaw l-FSE. Id-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi tal-Ministeru Reġjonali tal-Finanzi u l-Impjiegi tal-Comunidad Valenciana se jkun l-entità intermedja għall-awtorità ta' ġestjoni.

### **Finanzjament**

35. Fuq il-bażi tal-applikazzjoni minn Spanja, il-kontribuzzjoni proposta mill-EGF għall-pakkett ikkoordinat tas-servizzi personalizzati hija ta' EUR 2 059 466, li tirrappreżenta 65 % tal-ispiża totali. L-allokkazzjoni proposta tal-Kummissjoni minn dan il-Fond hija bbażata fuq it-tagħrif li ngħata minn Spanja.
36. B'kunsiderazzjoni tal-ammont massimu possibbli ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-EGF skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, kif ukoll l-ambitu tal-allokkazzjoni mill-ġdid ta' approprjazzjonijiet, il-Kummissjoni tipproponi li timmobilizza l-EGF għall-ammont totali msemmi hawn fuq, li għandu jiġi allokat skont l-intestatura 1a tal-qafas finanzjarju.
37. L-ammont propost ta' kontribuzzjoni finanzjarja jippermetti li aktar minn 25 % tal-ammont annwali massimu allokat għall-EGF jibqa' disponibbli biex ikun allokat matul l-aħħar erba' xhur tas-sena, kif stipulat fl-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.
38. Il-Kummissjoni, permezz ta' din il-proposta biex timmobilizza l-EGF, qiegħda tnedi l-proċedura simplifikata tat-trijalogu, kif mitlub mill-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006, sabiex tikseb il-qbil taż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja dwar il-bżonn li jiġi użat l-EGF u l-ammont meħtieġ. Il-Kummissjoni tistieden lill-ewwel waħda miż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja li tilħaq ftehim dwar l-abbozz tal-proposta għall-mobilizzazzjoni, fil-livell politiku xieraq, biex tinforma lill-fergħa l-oħra u lill-Kummissjoni bl-intenzjonijiet tagħha. F'każ ta' nuqqas ta' qbil minn xi waħda miż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja, tissejjaħ laqgħa formali ta' trijalogu.
39. B'mod separat il-Kummissjoni tippreżenta talba ta' trasferiment sabiex iddaħħal fil-baġit għall-2010 approprjazzjonijiet ta' impenji u ta' pagamenti speċifiċi, kif mitlub mill-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006.

### **Sors ta' approprjazzjonijiet ta' pagamenti**

40. Fl-istat attwali ta' implimentazzjoni, huwa prevedibbli li l-appropriazzjonijiet ta' pagamenti disponibbli fl-2010 skont il-linja baġitarja 01.0404 "Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni – Programm ta' intraprenditorjat u innovazzjoni" mhumiex se jintużaw kollha din is-sena.
41. Din il-linja tkopri n-nefqa relatata mal-implimentazzjoni tal-istrument finanzjarju ta' dan il-programm, li l-għan ewlieni tiegħu huwa li jiffaċilita l-aċċess tal-SMEs għall-finanzi. Bejn it-trasferimenti lejn il-kontijiet fiduċjarji amministrati mill-Fond

Ewropew tal-Investment u l-ħlas lill-benefiċjarji jkun hemm xi ftit dewmien. Il-kriżi finanzjarja għandha effett kbir fuq il-previżjonijiet fir-rigward tal-ħlasijiet għall-2010. B'konsegwenza ta' dan, sabiex jiġu evitati bilanċi eċċessivi fil-kontijiet fiduċjarji, il-metodoloġija għall-kalkolu tal-appropriazzjonijiet ta' pagamenti ġiet riveduta, filwaqt li tqiesu l-ħlasijiet mistennija. L-ammont ta' EUR 2 059 466 jista' għalhekk isir disponibbli biex jiġi trasferit.



## DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja u ġestjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2010/009 ES/Tessuti minn Spanja tal-Comunidad Valenciana)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja u ġestjoni finanzjarja tajba<sup>13</sup>, u b'mod partikolari l-punt 28 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni<sup>14</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea<sup>15</sup>,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF) twaqqaf biex jipprovdi appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema li jingħataw is-sensja minħabba bidliet strutturali kbar fl-andamenti kummerċjali dinjija dovuti għall-globalizzazzjoni u sabiex jiġu meġhuna fl-integrazzjoni mill-ġdid tagħhom fis-suq tax-xogħol.
- (2) L-ambitu tal-EGF twessa' għall-applikazzjonijiet imressqa mill-1 ta' Mejju 2009 biex jinkludi appoġġ għall-ħaddiema li jingħataw is-sensja bħala riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali.
- (3) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-EGF fi ħdan il-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun.
- (4) Spanja ppreżentat applikazzjoni biex timmobilizza l-EGF, fir-rigward tas-sensji f'143 intrapriża li joperaw fid-Diviżjoni 13 tan-NACE Reviżjoni 2 (manifattura tat-tessuti) f'reġjun NUTS II uniku, Comunidad Valenciana (ES52), fit-22 ta' Marzu 2010 u ssupplimentatha b'taġhrif addizzjonali sas-17 ta' Ġunju 2010. Din l-applikazzjoni hija konformi mar-rekwiżiti għad-determinazzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji kif

---

<sup>13</sup> ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

<sup>14</sup> ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

<sup>15</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

stabbilit fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Il-Kummissjoni għalhekk qiegħda tressaq proposta biex timmobilizza l-ammont ta' EUR 2 059 466.

- (5) L-EGF għandu, għalhekk, jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni mressqa minn Spanja.

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ: :

*Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF) għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 2 059 466 f'approprjazzjonijiet ta' impenji u ta' pagamenti.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell/Strasburgu,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*